GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **4 t' Ottubru 2021** **Ref: DDLTS 28/2021**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **EU Code Week 2021 - 9 u l-24 t'Ottubru 2021**

---

L-EU Code Week hija avveniment li fil-qofol tagħha tiċċelebra l-iżvilupp tal-computational thinking, coding u l-kreattività diġitali. Din is-sena l-EU Code Week se ssir bejn **id-9 u l-24 t'Ottubru 2021**. Inħeġġuk torganizza jew tingħaqad f' attività billi tagħżel tema, udjenza speċifika u żżid l-attività fil-mappa, jew tfittex attivitajiet li jsiru f'Malta.

L-EU Code Week hija popolari ħafna mal-edukaturi Maltin. L-edukaturi jistgħu jagħmlu użu mis-sit tal-EU Code Week biex jikkonsultaw numru ta' riżorsi għat-tagħlim. Fil-learning bits, l-edukaturi jistgħu jniżżlu pjanijiet tal-lezzjonijiet iffukati fuq computational thinking u coding.

**Webinar: l-Erbgħa 13 t'Ottubru 2021 fl-16:00**

Bħala parti mill-kampanja tal-EU Code Week ta' din is-sena, id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali qiegħed jistieden lill-edukaturi kollha biex jattendu webinar li se jsir l-Erbgħa 13 t'Ottubru 2021 fl-16:00. Matul dan il-webinar, l-edukaturi se jkollhom iċ-ċans jifhmu iktar il-valuri wara din l-inizjattiva u jesploraw kif jistgħu jieħdu sehem attiv fiha. L-edukaturi li jattendu għal dan il-webinar se jkollom iċ-ċans jesploraw il-portal tal-EU Code Week, il-Code Week 4 All Challenge u se jaraw kif jistgħu jirreġistraw u jirrapportaw l-attivitajiet tagħhom. Dawk l-edukaturi li jixtiequ jattendu għal dan il-webinar huma mħeġġa jimlew din il-formola.

Għal aktar informazzjoni dwar l-EU Code Week tistgħu tikkuntatjawna fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt jew iżżuru s-sit elettroniku tagħna.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt